MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 515/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**
**Sultana Tiziana**
**ID No. 163182M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2013 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tlett mija u sebghin ewro u disa' centezmi (€1173.09) in kwantu ghal tlett mija sitta u disghin ewro u tlettin centezmu ((€396.30) in konnessjoni ma' *79213000* (*AC 50992205)* u seba' mija sitta u sebghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€776.79) in konnessjoni ma' *7901588 (AC 50990925),* liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratti datati 16 ta' Novembru, 2009 u 17 ta' Novembru, 2009 rispettivament.

Illi l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticippata tal-kontratti fl-ammont

komplessiv ta’ mitejn ewro (€200) skont il-kuntratt fuq citat.
Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta ‘n subizzjoni.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficcjali 4192/10 u 567/13 bl-imghaxijiet mill-25 ta’ Novembru, 2010, data tal-imsemmija ittra ufficjali 4192/10.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tlett mija u sebghin ewro u disa’ centezmi (€1173.09)bl-imghax legali mill-25 ta’ Novembru sal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficcjali, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------